

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

RAKKOMANDEZZJONIJIET

IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

RAKKOMANDEZZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tas-17 ta' April 2013

lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tal-Oesterreichische Nationalbank

(BĊE/2013/8)

(2013/C 115/01)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro huma vverifikati minn awdituri esterni indipendenti rakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
- (2) Wara li saret emenda, l-Artikolu 37(1) tal-Liġi dwar l-Oesterreichische Nationalbank, issa jistipula illi l-Laqqha Ġenerali tal-Oesterreichische Nationalbank teleġġi awditur estern u awditur estern alternattiv ta' kull sena minflok żewġ awdituri esterni u żewġ awdituri esterni alternattivi. L-awditur estern alternattiv jingħata l-mandat biss f'każ li l-awditur estern ma jistax iwettaq il-verifika.
- (3) Il-mandati kemm tal-awdituri esterni kurrenti kif ukoll tal-awdituri esterni alternattivi kurrenti tal-Oesterreichische Nationalbank intemmu wara l-verifika għas-sena finanzjarja 2012. Huwa għalhekk meħtieġ illi jinħatru awdituri esterni mis-sena finanzjarja 2013.
- (4) Għas-sena finanzjarja 2013 l-Oesterreichische Nationalbank għażel lil KPMG Wirtschaftsprüfungs- und Steuer-

beratungs AG bħala l-awdituri esterni tiegħu u lil PwC Wirtschaftsprüfung GmbH bħala l-awdituri esterni alternattivi l-ġodda tiegħu.

- (5) Il-mandati tal-awdituri esterni u tal-awdituri esterni alternattivi jistgħu jiġġeddu fuq bażi annwali, f'kull każ għal perijodu totali ta' mhux aktar minn ħames snin,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDEZZJONI:

1. Huwa rakkomandat illi KPMG Wirtschaftsprüfungs- und Steuerberatungs AG jinħatru bħala l-awdituri esterni tal-Oesterreichische Nationalbank għas-sena finanzjarja 2013.
2. Huwa rakkomandat illi PwC Wirtschaftsprüfung GmbH jinħatru bħala l-awdituri esterni alternattivi tal-Oesterreichische Nationalbank għas-sena finanzjarja 2013.
3. Il-mandati tal-awdituri esterni u tal-awdituri esterni alternattivi jistgħu jiġġeddu fuq bażi annwali. F'kull wieħed miż-żewġ każijiet il-mandat m'għandux jeċċedi perijodu totali ta' ħames snin, li jintemm sa mhux aktar tard mis-sena finanzjarja 2017.

Magħmul fi Frankfurt am Main, is-17 ta' April 2013.

Il-President tal-BĊE

Mario DRAGHI